# Ix-Xagħra: L-Istorja tat-Tieni Kwadru Titulari Tagħha

Minn Simon Mercieca

Il-kitba ta' l-istorja titlob sengħa u ħsieb. Warajha hemm skola ta' ħsieb li matul is-snin iddeterminat tajjeb jew ħażin kif wieħed iħares lejn l-istorja. L-epoka pożittivistika ddeterminat żewġ punti importanti. L-ewwel, li l-istorja trid tkun ibbażata fuq il-verità tal-fatti. It-tieni, li d-dokument li wieħed għandu jara jekk dan hux sors primarju jew sekondarju. Jekk id-dokument li wieħed qiegħed juża ġie miktub fl-epoka li jkun qiegħed jitkellem dwarha, allura f'idejh għandu xogħol primarju. Jekk, le, u nkiteb wara, isir sors sekondarju. It-tielet li dak id-dokument primarju jew sekondarju hux oriġinali jew inkella kopja. Fi kliem ieħor, ħafna dokumenti ġew ikkupjati minħabba n-natura tagħhom. F'epoka aktar riċenti lejna, l-istorja rat żvilupp importanti ieħor. Taħt l-influwenza Franċiża, kull dokument storiku, kemm primarju u sekondarju hu suġġett għall-interpretazzjoni. L-ebda dokument ma hu newtru, iżda warajh hemm dejjem ħsieb jew messaġġ li l-awtur jixtieq iwassal.

L-istorja ta' l-ibliet u l-irħula tagħna, ħadet spinta 'l quddiem bil-kitba tad-*Descrittione di Malta* minn Gian Franġisk Abela. Matul is-snin nies oħra bdew juru interess fl-istorja ta' kull belt u raħal tagħna. Is-seklu tmintax jara fi ħdanu movimenti ta' studju dwar l-istorja ta' pajjiżna minn erba' min-nies distinti: il-Konti Ciantar, l-għawdxi Agius DeSoldanis, Ignazio Saverio Mifsud u ż-Żebbuġi patri Franġiskan Kapuċċin Pelaggio. Dawn in-nies ħadmu fil-qrib ħafna ma' xulxin u kienu jagħmlu ħafna bdil ta' informazzjoni bejniethom. Manuskritt importanti ħafna f'dan ir-rigward jinsab fl-arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina, li jġib in-numru Arch Catt. Ms. 55 u jittratta d-deskrizzjoni ta' kull raħal u belt ta' Għawdex. Dan ix-xogħol ma fihx isem l-awtur, iżda ma hemm l-ebda dubju li dan inkiteb minn Patri Pelaggio.

Fost l-irħula u l-knejjes trattati minn Pelaggio hemm ir-raħal tax-Xagħra u l-knisja ta' Savina tar-Rabat. L-istorja u deskrizzjoni tax-Xagħra hi miktuba fl-istil tas-seklu tmintax, jiġifieri dak filoloġiku. Fi kliem ieħor, dan il-manuskritt fih ġabra ta' tagħrif dwar kull raħal Għawdxi, fejn l-informazzjoni passata u kontemporanja ta' żmien l-awtur jitwaħħdu flimkien. Meta biex noqgħod fuq in-nota u l-linja tal-kitba ta' l-istorja, dan l-istess manuskritt hu sors sekondarju meta jittratta l-istorja u l-iżvilupp tal-parroċċi Għawdxin. Wieħed mis-sorsi prinċipali li hu juża huwa l-viżta pastorali ta' l-isqof Molina. Min-naħa l-oħra l-istess kitba ssir sors primarju meta l-awtur jitkellem dwar l-irħula ta' Għawdex fi żmienu. Jidher ċar li l-awtur jieħu ċertu numru ta' snin biex jikteb dan il-manuskritt li kien anki kkupjat u probabilment anki miżjud b'tagħrif ġdid kif kienu jħobbu jagħmlu fis-seklu tmintax meta jikkupjaw manuskritti.

Meta l-awtur jitkellem dwar ix-Xagħra, juri interess importanti fl-etimoloġija tal-kelma Caccia, li biha dan ir-raħal kien magħruf fil-passat. Fl-istil enċiklopediku tas-seklu tmintax, Pelaggio jipprova jiskopri l-verità wara t-tifsira ta' din il-kelma. Huwa jħares lejn lingwi klassiċi fosthom il-grieg, jirreferi għall-mitoloġija, u jiddiskuti l-possibilità jekk il-kelma Caccia hix ġejja minn xi kunjom ta' xi familja. L-awtur joqgħod attent li ma jżomm ma' l-ebda parti. Bħal Agius DeSoldanis, huwa jagħti importanza l-perjodu feniċju li jqisu bħala l-bennienа taċ-ċiviltà Maltija. Dan iwassal biex jittratta u jiddeskrivi t-tempji neolitiċi tal-Ġgantija. Huwa jagħti pjanta tagħhom. Jittratta wkoll f'ċerta dettal il-knisja ta' Sant'Antonio Abbati u ċ-ċimiterju li kien hemm magħha u tagħha wkoll jagħti disinn u pjanta.

Huwa għamel ċerta riċerka dwar ix-Xagħra għax anki jikkwota minn viżti pastorali ta' l-isqfijiet. Iżda l-aktar punt importanti hu meta jiddeskrivi x-Xagħra kif kienet tinsab fi żmienu. Dan il-fatt jagħmel dan ix-xogħol ta' importanza primarja minħabba li l-kitba tiegħu ssir dokument primarju fl-istudju soċjo-kulturali tal-gżira Għawdxija.

Din il-kitba tikkonferma dak li jien kont ktibt sena ilu fl-istess rivista. L-ewwel, li x-Xagħra kellha kwadru żgħir bħala titular, dan il-kwadru ġie mibdul ma' ieħor li fih kien hemm l-arma ta' Wignacourt u t-tielet li dan jerġa' jiġi mibdul ma' ieħor, fl-1744, magħmul mill-pittur qassis, Dun Carlo Dimech u li għalih kien ħallas il-prezz ta' mitt skud minn ċertu wieħed li jismu Michele Attard. L-awtur jgħid hekk:

'Il primiero quadro e' molto piccolo e vecchio si conserva oppeso sopra la Porta maggiore; il secondo parimente si conserva appeso sopra la porta fuori della sacrestia. Il moderno di proporzionata grandezza si fece fare a spese della divozione di un tal Michele Attard l'anno 1774, opera del di Don Carlo Zimech Maltese,

abitante da molti anni nel Cas[ale] Nadur e gli furono dato dal detto benefattore scudi cento. Nel primiero piccol quadro al di sopra ecci dipinta l'arma dell em[inentissim]o S.m. Frà Alofio de Wignacourt ed nel fondo un altra di uno dell'istesso Ord[ine] Gerosol[imita]no, e questo a lora lo dono il [i]ll[ustrissi]mo Signore Arciprete per servirsene provisionalmente e stavane con molti altri conservato nella chiesa denominata de Savina, **trasferito da una chiesa rurale profanata.**[1]

Hawnhekk, l-awtur ħawwad l-ewwel kwadru meta fil-fatt kien qiegħed jirreferi għat-tieni wieħed. Dan għaliex, nafu mill-viżti pastorali, li l-ewwel kwadru kien żgħir u kien fih l-erwieħ tal-purgatorju ma' xi qaddisin oħra, kif kien ġà kont iddiskrivejt fl-artiklu ieħor tiegħi li kont ippubblikajt fl-istess rivista. Issa, l-awtur qiegħed jagħti informazzjoni importanti: il-kwadru jiddiskrivih li kien fih l-arma tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt u l-oħra ta' membru ieħor ta' l-Ordni. L-awtur jagħti informazzjoni oħra importanti. Jgħid li dan il-kwadru kien qabel jinsab f'ta' Savina iżda dan mhux minn dejjem kien hemmhekk, iżda oriġinarjament kien ġo knisja rurali pprofanata.

Meta fuq naħa għandna kitba fl-arkivju ta' l-Isla li tgħid li l-kwadru l-antik tagħhom flimkien ma' l-istatwa kienu jinsabu fil-knisja tax-Xagħra. Fuq naħa oħra għandna awtur ieħor li qiegħed jgħid li l-kwadru kien f'ta' Savina, mhux minn dejjem kien hemm iżda kien ġie trasferit hemm minn knisja tal-kampanja li kienet ġiet profanata. Huwa ma jagħtix isimha. Meta li hu żgur, u dan qiegħed jingħad minn wieħed li kien jgħix f'dak iż-żmien, li l-kwadru li kien fih żewġ armi, li waħda minnhom hi ta' Wignacourt u oħra ta' membru ieħor ta' l-Ordni, mhux minn dejjem kien f'ta' Savina. Dan il-kwadru hu dak li llum hemm wara l-artal ta' l-imsemmija knisja ta' Savina?

Issa niġi għall-kritika li kienet saritli, u bħala storiku, nixtieq infakkar, li l-importanti mhux il-kitba, iżda meta tkun saret dik il-kitba. Fi kliem ieħor mhux kull ma hu miktub jista' jkun qiegħed jirrifletti l-verità u dan jgħodd għall-kitba li hemm fuq il-kwadru maġġuri preżenti f'ta' Savina. Il-kitba li hemm fuqu tgħid hekk:

Feliciter deficiente e vita Ser[ ] mo D[ ]no Fr. Alophio de Wignacourt et prospere succedente Ill[ ] mo Fr. Ludovico Vasconcellos Magno Magistro Insularum Melitae et Gauli Principe edifacatum est templum D.M.V. in cuius laudem et honorem ab adm Illmo D. Fr. Ricardo Nini de Claret qui tunc insulam Gauli sedulo gubernavit per quadriennium haec imaga dicata fuit - MDC XII m[ ] e 9bris 16=[2]

Issa din il-kitba tagħmel deskrizzjoni ta' meta u f'liema żmien ġiet mibnija l-Knisja ta' Savina jew Sabina f'Għawdex, jiġifieri matul ir-renju ta' Alof de Wignacourt u dak li ġie warajh Fr. Ludovico Vasconcellos meta Fra Ricardo Nini de Claret kien gvernatur ta' Għawdex u dan



l-istess gvernatur ried din l-immaġni jew kwadru fis-sena 1622 li kienet taħbat is-sitt indizzjoni.

Issa meta l-istess awtur tagħna jitkellem dwar il-knisja ta' Savina jgħid li dan il-kwadru sar minn Stefano Erardi, pittur Malti. Hu jkompli jgħid li 'in esso quadro desso Illmo Signore Benefattore si è compiaciuto lasciare a f[utura] m[emoria] l'iscrizione qual siegue accoppiata coll'armi sua gentilizia'.[3] Dan ifisser li l-awtur tal-ktieb qiegħed biss jirrepeti l-kliem li hemm fuq il-kwadru, u fl-istess ħin ifakkar li fuqu hemm l-arma tal-benefattur tiegħu. Issa skond Pelaggio, dan il-kwadru sar minn Stefano Eradi, fuq ordni tal-benefattur il-Kavallier Ricardo Nini de Claret u dan qiegħed jingħad abbażi tal-kitba fuqu u l-armi tiegħu. Dan hu definittivament mhux korrett. Ma jistax ikun li Stefano Erardi għamel dan għaliex fl-1622 hu kellu biss madwar 3 snin!

Din il-kitba ta' Pelaggio dwar din il-knisja tar-Rabat tipprova biss żewġ affarijiet. L-ewwel, il-kwadru attwali kien jinsab f'Savina fit-tieni nofs tas-seklu tmintax. It-tieni, li Pelaggio waqa' fl-istess żball li għadhom jaqgħu fih xi wħud illum meta jgħidu li dan il-kwadru kien sar għal Savina fl-1622.

Dan għaliex kull prova miktuba turi l-kontra. Issa nixtieq inħares ftit lejn dan il-kwadru fi ftit aktar dettal:

L-ewwel: Mhux il-viżti pastorali kollha tas-seklu sbatax jagħmlu referenza għal dan il-kwadru. Hekk meta l-isqof Astiria żar il-knisja ta' Savina fl-1673 jitkellem li kien hemm lampier fin-nofs imma ma jgħid xejn dwar il-kwadru maġġuri.[4] Jista' dan ifisser li ma kienx hemm kwadru f'dik is-sena?

It-tieni: l-ewwel darba li jissemma fiż-żgur il-kwadru prinċipali tal-knisja ta' Savina hu fil-viżta pastorali li għamel Molina fl-1678. Molina ddeskriva bil-latin dan il-kwadru hekk:

«supra quo est icona referens Nativitatem Beatae Mariae virginis cum cornicibus ligneis partim de auratis et partim colore vigno depictis et **d[ict]a icona requiescit supra scamnum ligneum** diversis coloribus depictum»[5]

Bil-Malti din id-deskrizzjoni tgħid hekk:

Fuq l-artal hemm ikona li tirreferi għat-twelid tal-Beata Marija Verġni bi gwarniċ ta' l-injam li parti minnu hu indurat u parti oħra tiegħu hi miżbugħa lewn aħmar skur u din l-ikona qiegħda sserraħ fuq maqgħad (jew stand) ta' l-injam miżbugħ b'kuluri differenti.

Din id-deskrizzjoni ta' l-isqof hija importanti ħafna.

a) L-ewwel l-isqof qiegħed jgħid li l-kwadru hu magħmul mill-injam. Issa l-kwadru preżenti ma hux ta' l-injam iżda fuq it-tila. Meta Molina kien jirreferi għal xi kwadru fuq it-tila kien isejjaħlu 'icona in tela' jew ikona fuq it-tila.


Ordine delli Altari

b) It-tieni, l-isqof Molina qiegħed jgħid li sab il-kwadru jserraħ fuq speċi ta' pedestall, imsejjaħ bit-taljan 'scannello'. Issa l-kwadru preżenti, anki jekk tneħħi l-parti miżjud tal-Missier Etern, kien żgur minn dejjem maħsub biex jitwaħħal mal-ħajt. Il-kobor tiegħu jelimina kull possibilità li qatt seta' jitqiegħed fuq xi stand. Il-kobor tiegħu jkompli jiżdied meta wieħed jieħu inkonsiderazzjoni li dan kellu wkoll gwarniċ. Dan it-tip ta' daqs żgur ma jippermettix li jserraħ fuq bażi rettangolari u dejqa ta' l-injam. Fuq kollox meta l-isqfijiet iridu jirreferu għal xi kwadru jew ikona mwaħħla mal-ħajt kienu jgħidu li kienet 'icona muro collocata'.[6]

Mela l-kwadru attwali qatt ma jista' jkun dak li qiegħed jiġi deskritt minn Molina għax ma hux kwadru li jista' jitqiegħed fuq 'scannello'. Dan ifisser li l-kwadru attwali ma kienx wara l-artal fl-1678 u għalhekk dik il-kitba li hemm fuqu, bla ebda dubju ta' xejn, hija falza.

Issa, meta Alpheran de Bussan żar il-knisja ta' Savina fl-1733, jirreferi li kien hemm 'icona muro collocata referens nativitatem B.M.V.'[7] jew aħjar, 'ikona li kienet imwaħħla mal-ħajt li kienet tirreferi għat-twelid tal-Beata Verġni Marija'. Dan ifisser li bejn l-1678 u l-1733, din l-ikona kien tbiddlilha postha u twaħħlet mal-ħajt iżda l-kwadru attwali f'ta' Savina kien għadu ma hux fil-knisja sa l-1733.

Fuq kollox, kemm il-kopja oriġinali tal-viżta pastorali ta' Molina, kif ukoll ta' Alpheran ma jagħmlu l-ebda referenza lα għall-armi ta' kavallieri, għax-xena tar-Rabat u wisq inqas għal xi kitba fuq il-kwadru. Iżda mhux hekk jista' jingħad għall-kopji ta' l-istess viżti li saru matul it-tieni nofs tas-seklu tmintax. Dawn il-kopji jittrattaw dawn l-aspetti.

Hekk il-kopja tal-viżta ta' Molina magħmula bit-Taljan fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, tgħid hekk dwar il-kwadru:

'Il quadro di q[ues]ta chiesa di S[anta] Maria Sabina è stato fatto nel 1622 dal Gov[ernato]re fr. Ricardo Miori (sic.) de Claret a sue spese come si scorge dall'iscrizione in esso si vede dipinto il Castello del Gozo col squadrone militare salisce in esso ordinatamente'.[8]

Dan il-kwadru ta' din il-knisja ta' Santa Marija Sabina kien ġie magħmul fl-1622 mill-gvernatur fr. Ricardo Miori de Claret u mħallas minn butu kif hemm miktub fuq l-iskrizzjoni u fih jidher impitter il-kastell ta' Għawdex bi skwadra militari tiela' b'mod ordnat. L-istess seħħ għall-viżta ta' Alpheran de Bussan.

Kopja li saret tal-viżta ta' Alpheran ta' l-1733 matul l-istess perjodu ġiet mibdula l-kelma 'collocata' ma' oħra 'immissa' voldieri flok imwaħħla, l-awtur tal-kopja beda jgħid li l-pittura kienet imdaħħla fil-ħajt. Fuq kollox kien hemm iż-żieda ta' dawn il-kelmiet *'fuit picta expensis*

*Gubernatis Fris Ricardi Nini De Claret anno 1622 et ut apparet ex inscriptione in eius parte inferiore exarata'.* Hu jagħti l-kliem ta' l-iskrizzjoni. Wara jkompli hekk: '*In eadem icona apparet delineatum magnum castrum huius insula, et agmen militaris pedestre ordinate ascendens ad dictum castellum'.* [9]

Din iż-żieda u tagħrif tgħid li 'din il-pittura ġiet impittra mill-ispejjeż tal-gvernatur ta' Għawdex Fra Ricardi Nini de Claret fis-sena 1622 kif jidher miktub fuq l-istess pittura li tinsab fil-parti t'isfel tagħha'. Wara li jagħti l-kitba jkompli jgħid li 'fl-istess pittura hemm impinġi l-kastell principali tal-gżira u grupp ta' suldati telgħin b'mod ordinat lejn il-kastell'. Hawn nerġa' nirrepeti, li kemm fil-każ ta' Alpheran u ta' Molina din l-informazzjoni ma tinsabx fil-viżti oriġinali tagħhom.

Mela dawn il-kopji qegħdin jagħtu informazzjoni importanti. Fi kliem ieħor u kif kien kienu jħobbu jagħmlu matul dan il-perjodu, l-awtur jew awturi ħa/ħadu l-viżta ta' Molina u ta' Alpheran u kkoreġewlhom dawk il-fatti li kienu tbiddlu matul is-snin. Mela fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, l-ikona ta' l-injam ma kinitx għadha hemm u din kienet tbiddlet mal-kwadru li naraw illum.

It-tielet: Pelaggio stess jgħid li f'ta' Savina kien hemm kwadru b'żewġ armi fuqu tal-kavallieri, li waħda minnhom kienet tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt u dan il-kwadru kien inġab minn x'imkien ieħor u l-arċipriet (f'dan il-perjodu seta' kien biss dak tal-Matriċi tar-Rabat), sellfu lill-knisja tax-Xagħra.

Mela ma hemm xejn stramb li dan il-kwadru li llum hemm f'ta' Savina kien għal xi żmien ix-Xagħra u li kien ġej minn x'imkien ieħor. Għalhekk, la darba dan il-kwadru ma setax kien fil-knisja ta' Savina mill-1622, ma hemm xejn stramb li seta' ġie mill-Isla!

Ir-raba': meta wieħed iħares lejn ix-xena li ġiet deskritta bħala waħda tar-Rabat, wieħed jinduna b'ċertu diskrepanzi. Mela jekk wieħed jieħu l-knisja li hemm fiha bħal dik tal-matriċi Għawdxija, wieħed iqajjem suspett li x-xena tista' qegħda turi t-tempju mibni minn Lorenzo Gafà, aktar milli l-katidral l-antik. Ix-xena fiha knisja b'nofs koppla, jew aħjar it-tambur ta' koppla u kampnar wieħed. Issa Gafà kien għadu l-anqas twieled fl-1622.

Il-ħames: jekk veru dik hija xena ta' Għawdex, is-swar mogħtija huma aktar dawk ta' wara t-tiswijiet li saru lejn l-aħħar tas-seklu sbatax u l-bidu ta' seklu tmintax. Fuq kollox, is-suldati li hemm taħt is-swar itakkruk fit-trunċieri li kienu saru f'Għawdex f'dik il-ħabta.

Is-sitta: Dan ma kienx l-uniku kwadru li l-knisja ta' Savina kellha li kienu ġejjin minn knejjes oħra. Fost l-oħrajn insibu l-kwadru ta' Sant'Elena Imperatriċi meħud mill-knisja ta' Sannat, San Giuliano Martri meħud mill-Għarb, Santa Marija Maddalena mill-knisja tad-Dwejra u San Ġwann Battista min-Nadur.[10] Għalhekk ma hemm xejn ta' l-iskantament li kwadru li kien fil-knisja ta' l-Isla seta' spiċċa Għawdex u f'ta' Savina.

Is-seba': L-istil u l-ikonografija tal-kwadru ma tantx taqbel ma' dik użata fil-bidu tas-seklu sbatax.

It-tmienja: Jekk l-informazzjoni li Pelaggio jagħti dwar l-awtur tal-kwadru hi korretta, jiġifieri li dan vera sar minn Stefano Erardi, allura din hi prova oħra li dan il-kwadru ma kienx f'ta' Savina sa mill-1622. Stefano kien għadu tifel ta' l-idejn f'dik is-sena! Jekk veru Stefano Erardi għamel dan il-kwadru, allura dan il-fatt jikkumplimenta t-tagħrif mogħti minn Remigio Bonnici fis-seklu tmintax fejn qal li l-kwadru l-antik ta' l-Isla kien ingħata lix-Xagħra flimkien ma' l-istatwa tal-Bambina.[11] Dan għaliex, f'Senglea hemm xogħlijiet oħra ta' Stefano Ererdi, li jinkludu xi kwadri laterali fil-knisja parrokkjali u l-kwadru maġġuri tal-knisja ta' San Filippu.

Għal darba oħra għandna taħwida fil-kwadri. Allura għandna tliet teoremi possibbli. L-ewwel li l-kitba ta' Pelaggio mhix affidabbli meta jgħid li l-kwadru f'ta' Savina ġie minn x'imkien ieħor. Iżda din mhix konvinċenti għax il-kwadru f'ta' Savina ma jissemmiex mill-isqof Astiria iżda jibda jissemma mill-isqof Molina, mingħajr ma jagħmel riferenza għad-dettalji li llum bihom nassoċjaw il-kwadru ta' Savina mas-sena 1622. Anzi Molina jindika ċar u tond li kwadru li hu ra kien ferm differenti iżgħar minn dak li hemm illum.

It-tieni li kien hemm żewġ kwadri f'ta' Savina li kellhom fihom armi tal-kavallieri. Din hi ftit li xejn konvinċenti, minħabba l-fatti murija fuq, u ma jeżisti l-ebda skontru ta' dan il-fatt fil-viżti pastorali.

It-tielet teorema u l-aktar possibbli hi li, meta l-awtur Pelaggio kien qiegħed jitkellem fuq il-kwadru li kien hemm ix-Xagħra u meta tkellem fuq dak f'ta' Savina, kien qiegħed jirreferi għall-istess xogħol. Mela r-raġuni għal dan jista' jkun frott ta' żewġ fatturi differenti iżda li għandhom l-istess motiv ta' kawża. Il-kitba tiegħu ħadet iż-żmien u anki s-snin.

Għalhekk, hemm il-possibilità li l-kittieb spiċċa jiddeskrivi mumenti differenti mill-ħajja ta' l-istess kwadru. Fi kliem ieħor il-kitba saret fiż-żmien li matulu l-kwadru kien l-ewwel ix-Xagħra u wara reġa' lura f'ta' Savina. It-tieni, li dan id-dokument ġie kkupjat u korrett kemm minn Pelaggio stess jew minn oħrajn u dawn spiċċaw jiddeskrivu żewġ waqtiet mill-istorja ta' l-istess kwadru.

Jekk wieħed iżomm mat-tielet teorema, Patri Pelaggio kien qiegħed jitkellem dwar kwadru komuni kemm għax-Xagħra kif ukoll għal dak ta' Savina. Abbazi

tal-kitba ta' Pelaggio u l-viżti ta' Molina u Alpheran, il-kwadru li preżentament jinsab f'ta' Savina ħa post kwadru ieħor aktar antik u dan il-kwadru ma sarx għal din il-knisja, iżda nġab minn xi mkien ieħor.

Dan il-kwadru spiċċa għal xi żmien ix-Xagħra u xi żmien wara l-1744 dan reġa' mar lura f'ta' Savina. Kien f'dan il-perjodu ta' ritorn, li din il-pittura ġiet manumessa, jiġifieri żdiedet il-kitba li hemm fuqha llum. Ix-xena ta' kastell setgħet ukoll ġiet miżjuda f'dan il-perjodu jew inkella kienet minn dejjem fuq it-tila. Jekk kienet minn dejjem hemm, allura l-possibiltajiet li turi l-kastell ta' Għawdex jistgħu jsiru remoti.

Min-naħa l-oħra, jekk dik ix-xena li hemm fuqu turi Għawdex, allura dan ix-xogħol qiegħed jirrifletti lil Għawdex tas-seklu tmintax u mhux dak tal-bidu tas-seklu sbatax. Din iż-żieda fuq dan il-kwadru tkun il-kaġun li fil-kopji tal-viżti pastorali li saru lejn it-tieni nofs tas-seklu tmintax jiżdied it-tagħrif li dan il-kwadru kien sar fl-1622 fuq talba tal-gvernatur ta' Għawdex, u dik ix-xena turi l-Kastell ta' Għawdex.

Dan kollu jwassal li dan l-iżball baqa' jiġi pperpetwat sal-ġurnata tal-lum. Li hu żgur li dan il-kwadru li llum jinsab wara l-artal ta' Savina mhux minn dejjem kien hemm, li kitba li hemm fuqu hi falza u li dan inġab minn xi mkien ieħor. Sa prova kuntrarja, dan ix-xogħol jidher li kien dak l-istess wieħed ta' Remigio Bonnici jiddeskrivi li l-Isla kienet tat flimkien ma' l-istatwa tal-Bambina lix-Xagħra.

1. Arch. Catt. Ms 55, F.146v.
2. Ibid. F. 62r.
3. Eodem.
4. Curia Vescovile Għawdxija. Viżta Pastorali Astiria 1673. F. 36v.
5. Ibid. Viżta Pastorali Molina. F. 77r.
6. Curia Arcivescovili Maltija. Viżta ta' Alpheran 1733. F. 633v.
7. Eodem.
8. ACM Misc. 180. F. 401r.
9. ACM Misc. 190. F.213r.
10. Arch. Catt. Ms. 55. F.62r.
11. Arkivju Parrokkjali Isla. Remigio Bonnici, *Memorie Ecclesiastiche dell'Invitta Città Senglea,* 1786.


**Mario Wood Carving**

**Għal xogħol mill-aqwa u kwalità tajba fuq poġġamani, bankijiet tal-kċina, settijiet tas-sodda u bibien**

*irrikorru għand*

**Mario Wood Carving**

*u toħorġu sodisfatti żgur.*

**Tel. 552830.**

**Rexey Bar & Restaurant**

**100, Mgarr Road, Għajnsielem.**

**Best Food and Best Prices.**

*For Reservations call:*

**560875; 560211; 09476702.**